# DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

## tat-13 ta' Diċembru 2011

## li temenda l-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 dwar id-dixxiplina baġitarja u l-ġestjoni finanzjarja tajba fir-rigward tal-qafas finanzjarju multiannwali, biex jindirizza ħtiġijiet ta' finanzjament addizzjonali tal-proġett tal-ITER

(2012/5/UE)

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra l-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina baġitarja u l-amministrazzjoni finanzjarja tajba [1],

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) Fil-laqgħa tat-trilogu tal-1 ta' Diċembru 2011, il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni ftehmu dwar il-modalitajiet biex jipprovdu finanzjament addizzjonali għall-proġett ITER; Il-forniment ta' dan il-finanzjament jeżiġi rieżami tal-qafas finanzjarju multiannwali 2007-2013 b'konformità mal-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006, sabiex jogħla l-limitu massimu fir-rigward tal-approprjazzjonijiet għall-impenji taħt is-Subintestatura 1 A b'EUR 650 miljun għas-sena 2012 u b'EUR 190 miljun għas-sena 2013 fi prezzijiet attwali.

(2) Iż-żieda tal-limiti massimi tal-approprjazzjonijiet għall-impenji taħt is-Subintestatura 1a għas-snin 2012 u 2013 se tkun kompletament ikkumpensata bit-tnaqqis tal-limiti massimi tal-approprjazzjonijiet għall-impenji għas-sena 2011 taħt l-Intestatura 2 u tal-approprjazzjonijiet għall-impenji għas-snin 2011 u 2012 taħt l-Intestatura 5.

(3) Sabiex tinżamm relazzjoni adegwata bejn l-impenji u l-ħlasijiet, il-limiti massimi annwali tal-approprjazzjonijiet għall-ħlasijiet se jiġu aġġustati. L-aġġustament se jkun newtrali f'termini ta' obbligi ta' ħlas matul il-perjodu 2007-2013.

(4) L-Anness I tal-Ftehim Interistituzzjonali dwar id-dixxiplina baġitarja u l-amministrazzjoni finanzjarja tajba għandu għalhekk jiġi emendat kif xieraq [2],

ADOTTAW DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu Uniku*

L-Anness I tal-Ftehim Interistituzzjonali dwar id-dixxiplina baġitarja u l-ġestjoni finanzjarja tajba huwa sostitwit bl-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

Magħmul fi Strasburgu, it-13 ta' Diċembru 2011.

| *Għall-Parlament Ewropew* | *Għall-Kunsill* |
|---|---|
| *Il-President* | *Il-President* |
| J. BUZEK | M. SZPUNAR |

[1] ĠU C 139, 14.6.2006, p. 1.

[2] Għal dan il-għan, iċ-ċifri li jirriżultaw mill-ftehim imsemmi hawn fuq huma maqluba għal prezzijiet tal-2004.

*ANNESS*

**QAFAS FINANZJARJU 2007-2013**

*(EUR miljun – prezzijiet tal-2004 kostanti)*

| APPROPRJAZZJONIJIET GĦALL-IMPENJI | 2007 | 2008 | 2009 | 2010 | 2011 | 2012 | 2013 | Total 2007-2013 |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 1. **Tkabbir sostenibbli** | **50 865** | **53 262** | **55 879** | **56 435** | **55 693** | **57 708** | **58 696** | **388 538** |
| 1a Kompetittività għat-Tkabbir u l-Impjiegi | 8 404 | 9 595 | 12 018 | 12 580 | 11 306 | 12 677 | 13 073 | 79 653 |
| 1b Koeżjoni għat-Tkabbir u l-Impjiegi | 42 461 | 43 667 | 43 861 | 43 855 | 44 387 | 45 031 | 45 623 | 308 885 |
| 2. **Konservazzjoni u Ġestjoni tar-Riżorsi Naturali** | **51 962** | **54 685** | **51 023** | **53 238** | **52 136** | **51 901** | **51 284** | **366 229** |
| li minnhom: nefqa relatata mas-suq u ħlasijiet diretti | 43 120 | 42 697 | 42 279 | 41 864 | 41 453 | 41 047 | 40 645 | 293 105 |
| 3. **Ċittadinanza, libertà, sigurtà u ġustizzja** | **1 199** | **1 258** | **1 375** | **1 503** | **1 645** | **1 797** | **1 988** | **10 765** |
| 3a Libertà, Sigurtà u Ġustizzja | 600 | 690 | 785 | 910 | 1 050 | 1 200 | 1 390 | 6 625 |
| 3b Ċittadinanza | 599 | 568 | 590 | 593 | 595 | 597 | 598 | 4 140 |
| 4. **EU bħala attur globali** | **6 199** | **6 469** | **6 739** | **7 009** | **7 339** | **7 679** | **8 029** | **49 463** |
| 5. **Amministrazzjoni** [1] | **6 633** | **6 818** | **6 816** | **6 999** | **7 044** | **7 274** | **7 610** | **49 194** |
| 6. **Kumpens** | **419** | **191** | **190** | **0** | **0** | **0** | **0** | **800** |
| **APPROPRJAZZJONIJIET GĦALL-IMPENJI TOTAL** | **117 277** | **122 683** | **122 022** | **125 184** | **123 857** | **126 359** | **127 607** | **864 989** |
| bħala perċentwal tad-DNG | 1,08 % | 1,09 % | 1,06 % | 1,06 % | 1,03 % | 1,03 % | 1,01 % | 1,049 % |
| | | | | | | | | |
| **APPROPRJAZZJONIJIET GĦALL-ĦLASIJIET TOTALI** | **115 142** | **119 805** | **109 091** | **119 245** | **116 394** | **120 649** | **120 418** | **820 744** |
| bħala perċentwal tad-DNG | 1,06 % | 1,06 % | 0,95 % | 1,01 % | 0,97 % | 0,98 % | 0,96 % | 1,00 % |
| Marġini disponibbli | 0,18 % | 0,18 % | 0,29 % | 0,22 % | 0,26 % | 0,25 % | 0,27 % | 0,23 % |
| Limitu massimu tar-riżorsi proprji bħala perċentwal tad-DNG | 1,24 % | 1,24 % | 1,24 % | 1,23 % | 1,23 % | 1,23 % | 1,23 % | 1,23 % |

[1] In-nefqa tal-pensjonijiet inkluża taħt il-limitu massimu ta' din l-Intestatura hija kkalkulata netta mill-kontribuzzjonijiet tal-persunal għall-iskema rilevanti, fi ħdan il-limitu ta' EUR 500 miljun fil-prezzijiet tal-2004 għall-perjodu 2007-2013.